**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 67**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier (online)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat - Kunsillier

**ASSENTI**
Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

67.1 **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 66, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

67.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.2.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li matul il-ġimgħa li għaddiet, il-Kunsill tilef wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, kawża ta' mewta naturali. Is-Sindku wassal il-kondoljanzi lill-familja Pace.

67.2.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li Ix-xogħlijiet fuq il-playingfields ta' Ġnien Tumas Fenech u Ġnien iż-Zgħożija għaddejjin b'ritmu tajjeb ħafna.

67.2.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li t-tenders relatati mat-tindif ta' Non Urban Roads u Knis jinsabu mwaħħlin minħabba l-fatt li l-kuntratturi li rebħu t-tenders baqgħu ma ġabux il-lista tal-impjegati kif mitlub fit-tender document. Hu għalhekk li l-amministrazzjoni qed titlob lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiftaħ is-sistema tal-etenders sabiex dawn it-tenders jerġgħu jiġu awarded.

67.2.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru fl-10a.m. se tinżamm Konferenza Stampa fis-Sede tal-Għaqda Mużikali Anici fejn se jingħataw d-dettalji għall-attivita li se tiġi organizzata mill-Għaqdiet.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** staqsiet jekk l-għaqdiet parteċipattivi nfurmawx x'attivitajiet se jkunu qed jorganizzaw. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se ssir laqgħa mill-E.T. President Emeritus

M'Louise Coleiro Preca l-Ġimgħa 15 ta' Diċembru fis-sala tal-Kunsill mal-għaqdiet li se jipparteċipaw fl-attivita'

**67.2.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru se tinżamm ċerimonja qasira fejn se tiġi inawgurata l-irħama kommemorattiva ta' fejn kien jgħix it-Tabib Muscat, li kien iservi bħala t-tabib tal-Gvern.

**67.2.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru mis-2.00p.m. se tinżamm l-attivita' kulturali tal-Milied organizzata mill-Kunsill, fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill.

**67.2.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkun qed jiġi organizzat party tal-milied għat-tfal ta' Ħal Qormi fil-Qormi Hockey Club.

**67.2.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nhar is-Sibt 16 ta' Diċembru se tinżamm il-ħarġa għal Għawdex. Il-Kunsillier Doris Zammit ġibdet l-attenzjoni li l-ħarġa hija skedata kmieni ħafna għaliex hekk dawk li se jattendu mhu se jaraw xejn, wirjiet. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li r-residenti se jkunu qed iżuru l-Christmas Villages u mhux wirjiet ta' presepji.

**67.2.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li saret laqgħa mal-kuntrattur tad-dawl, fejn il-Kunsill wasal fi ftehim raġonevoli u l-istima niżlet bi € 800. Se jkunu qed jintramaw dawn it-toroq;

- Triq il-Vitorja
- Vjal de la Cruz
- Ġnien George Hyzler fi Pjazza Alexandra
- Triq Lino Spiteri
- Wesgħet Renald Falzon
- Wesgħet Dun Felic Tabone fi Triq il-Bħajra
- Ġnien il-Volontarjat fi Triq is-Sajf

**67.3 Korrispondenza**

**67.3.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Festi Esterni dwar l-armar tat-toroq bid-dwal tal-Milied. **Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li l-Kunsill jingħata kopja tal-Insurance.

**67.3.2** **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li se tkun qed titqassam siġra sabiex taħtha jitpoġġew rigali għal tfal li għaddejjin minn diffikultajiet soċjali.

**67.3.3** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Barrakki sabiex it-triq tiġi One-Way. Il-Kunsill approva li titressaq talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**67.3.4** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni dwar il-hawkers li qed jarmaw fil-kantunieri b'mod illegali fit-toroq tagħna.

**67.4 Diffikultajiet Finanzjarji tal-Kunsill**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhux tajba u l-Kunsill għandu jara li jnaqqas l-ispejjeż b'mod immedjat. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri li matul it-tielet kwart tas-sena, l-Kunsill tnaqqsitlu s-somma ta' € 131,000 mill-allokazzjoni, liema allokazzjoni ngħatat lir-Reġjun sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mall-ġbir tal-iskart riċiklabbli għaliex sal-lum għadu ma ntlaħaqx ftehim mal-kumpaniji responsabbli minn dan is-servizz.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li skont r-Rapport tat-3 kwart tas-Sena l-Kunsill jinsab *f'deficit* ta' € 302,084.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** spjegat li l-akbar spejjeż huwa relatati mat-tipping fees tal-iskart u l-attivitajiet kulturali li qed isiru mill-Kunsill.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qalet ukoll li l-Kunsill għandu jirsisti mar-residenti tiegħu sabiex titnaqqas l-użu tal-borża s-sewda għaliex is-sena d-dieħla t-tipping fees se jogħlew minn € 40 għal € 60 fuq kull tunnellata. Dan se jkun ifisser li l-Kunsill se jkollu spiża ta' madwar

€ 333,000 fuq tipping fees biss.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu laqgħa mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli fejn infurmaha bid-diffikutaljiet finanzjarji u tagħtu kelma li l-allokazzjoni għas-sena 2024 se tiżdied.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tagħmel Cashflow exercise sabiex il-kumitat finanzji jkun jista' janalizza s-sitwazzjoni aħjar.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li dan l-eżerċizzju qed isir flimkien mal-Accountants tal-Kunsill, biss il-Kunsill irid jieqaf jagħmel spejjeż mingħajr bżonn, sakemm is-sitwazzjoni titjieb.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

**67.4** Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2023.

Il-Viċi Sindku Donnha Barbara ppproponiet l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**67.5** Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2023 fil-11a.m. u wara ssir il-ħarġa tal-membri u staff.

Konfermati, illum 27 ta' Diċembru 2023.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |